



*Kumitat għall-Affarijiet Legali
Il-President*

2.2.2016

Is-Sur Giovanni La Via
President
Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel
LOW T06039
STRASBURGU

Suġġett: Opinjoni f'forma ta' ittra dwar l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni (UE) .../... ta' XXX li jemenda r-Regolament (KE) Nru 692/2008 fir-rigward tal-emissjonijiet minn vetturi ħfief għall-passiġġieri u minn vetturi kummerċjali (Euro 6) (D042120/03 – 2015/2988(RPS))

Għażiż Sur La Via,

Qed niktiblek dwar il-mozzjoni għal riżoluzzjoni mressqa fil-plenarja għan-nom tal-kumitat li tippresjedi, li oġġezzjona għall-abbozz tar-regolament tal-Kummissjoni, iċċitat hawn fuq, fuq il-bażi li jeċċedi s-setgħat ta' implementazzjoni pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi¹.

Waqt il-laqgħa tiegħu tal-1 ta' Frar 2016, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-Kumitat responsabbli għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni skont l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura, iddeċida skont l-Artikolu 40(3) tar-Regoli ta' Proċedura li jittratta l-kwistjoni fuq l-inizjattiva tiegħu stess, u b'kunsiderazzjoni debita tal-mozzjoni tiegħek għal riżoluzzjoni u għar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapporteur, is-Sa Sylvia-Yvonne Kaufmann, f'tiehem b'13-il vot favur, 12 kontra u b'ebda astensjoni² li jappoġġa il-mozzjoni għal-

¹ ĠUL 171, 29.6.2007, p. 1.

² Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Joëlle Bergeron, Marie-Christine Boutonnet, Daniel Buda, Jean-Marie Cavada, Therese Comodini Cachia, Edward Czesak, Mady Delvaux, Pascal Durand, Eleonora Evi, Rosa Estaràs Ferragut, Enrico Gasbarra, Heidi Hautala, Mary Honeyball, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Dietmar Köster, Merja Kyllönen, Constance Le Grip, Angelika Niebler, António Marinho e Pinto, Evelyn

riżoluzzjoni tiegħek għar-raġunijiet segwenti.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jikkunsidra li l-introduzzjoni u l-applikazzjoni ta' "fatturi ta' konformità" fl-abbozz tar-regolament tal-Kummissjoni, fl-ivell li jirriżultaw f'deroga ġenerali *de facto* mil-limiti tal-emissjonijiet applikabbli stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 għal perijodu sostanzjali ta' żmien, imorru kontra l-miri u l-kontenut ta' dak ir-Regolament u li, konsegwentement, l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni (UE) .../... ta' XXX li jemenda r-Regolament (KE) Nru 692/2008 rigward l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali għandu jiġi meqjus *ultra vires* billi jeċċedi l-kompetenzi kontenuti fl-Artikolu 5(3).

L-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biss li tissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007, u mhux li temenda il-valuri ta' limitu stabbiliti fl-Anness I tiegħu, li għandu jkun meqjus bħala element essenzjali tar-Regolament.

Nittama li din l-opinjoni tkun meqjusa bħala kontribut utli għall-ħidma tal-kumitat tiegħek.

Dejjem tiegħek,

Pavel Svoboda

Regner, Pavel Svoboda, Sven Schulze, Miguel Viegas, Axel Voss, Kosma Złotowski, Tadeusz Zwiefka.